# Attivitajiet għall-qari tal-Malti maħsubin u mħejjijin mill-għalliema tal-1, it-2 u t-3 Sena tal-iskejjel primarji statali u nonstatali

# Kelmtejn Qabel

Għeżież għalliema,

Frott il-kors intern fuq il-litteriżmu li sar fis-sena 2008-09 lill-għalliema tal-ewwel tliet snin tal-iskejjel primarji statali u nonstatali insibu dawn l-attivitajiet għall-kitba u l-qari tal-Malti.

Nieħu pjaċir ħafna li dawn l-attivitajiet jistgħu jservu bħala ideat li jixprunaw ideat oħrajn u aktar riżorsi minnkom l-għalliema fil-klassijiet tagħkom biex it-tfal tagħna jkomplu jissaħħu fil-qari u fil-kitba tal-Malti tagħna.

Għalija huwa ta' pjaċir li intom l-għalliema tkunu tistgħu taqsmu r-riżorsi li għandkom bejnietkom. Dawn l-attivitajiet li qed jidhru hawnhekk iservu bħala l-ewwel pass fil-qasam tal-Malti biex ikollna bank ta' riżorsi magħmul minnkom biex jintużaw mill-għalliema kollha fl-iskejjel Maltin u Għawdxin.

Grazzi u nselli għalikom.

David Agius Muscat
Uffiċjal tal-Edukazzjoni għall-Malti

**QARI**

# Taħriġ il-fehem

**L-Għan**

- L-għalliema tinkoraġġixxi lit-tfal jifhmu, jaqraw u jiktbu

**Ir-Riżorsi**

- ktieb bi storja ħafifa
- karti tat-taħriġ b'attivitajiet li jgħinu lit-tfal jitħarrġu fil-ħiliet bażiċi tal-fehem, tal-qari u tal-kitba

**Il-Metodu**

- L-għalliema tirrakkonta l-istorja.
- L-użu tal-istampi jgħin biex it-tfal jifhmu aktar l-istorja.
- L-għalliema tistaqsi mistoqsijiet faċli dwar l-istorja.
- Karta tat-taħriġ b'sentenzi bi kliem neqsin biex jimtlew mit-tfal. Il-kliem ikun miktub fil-parti ta' isfel tal-karta tat-taħriġ.
- Karta tat-taħriġ oħra b'sentenzi ħfief dwar l-istorja li t-tfal jwieġbu għalihom iva jew le.
- Xi tfal jaqsmu x-xogħol li jkunu għamlu mal-kumplament tat-tfal l-oħra.

**Din l-attività ġiet imħejjija mill-għalli**ema:
*Doreen Aquilina (Ħal Safi), Rena Agius (Il-Qrendi), Irene Abela (Is-Siġġiewi), Cynthia Aquilina (L-Imqabba), Maria Agius (Ħaż-Żebbuġ)*

QARI

# Bil-kontra

**L-Għan**

- It-tfal jipprattikaw il-kuntrarju fil-kuntest ta' sentenza/storja.

**Ir-Riżorsi**

- karta tat-taħriġ b'test forma ta' storja b'ħafna aġġettivi familjari għat-tfal.

**Il-Metodu**

- Aqsam il-klassi fi gruppi ta' sitta.
- Ikteb test fuq karta tat-taħriġ b'sing taħt l-aġġettivi li jridu jinkitbu bil-kontra.
- Qassam il-karta lil kull tifel u tifla fil-grupp.
- It-tfal jaqraw sentenza kull wieħed, skont kif ikun imisshom jagħtu l-kuntrarju tas-sentenza u jiktbuha fuq il-karta tat-taħriġ.

**Din l-attività ġiet imħejjija mill-għalliema**
*Moira Galea (Ħal Safi), Susan Azzopardi (Ħal Luqa), Denise Fsadni (L-Imqabba/Il-Qrendi)*
*Stephanie Cumbo (Ħal Luqa), Moira Darmanin (Is-Siġġiewi), Suzanne Bezzina (Ħal Qormi S.B.)*

QARI

# Rożina u l-Lupu: Sekwenza

L-Għan

- It-tfal ipoġġu storja f'sekwenza

**Ir-Riżorsi**

- *Power Point*
- stampi kbar/żgħar għall kull grupp
- *flashcard*s bis-sentenzi

**Il-Metodu**

- It-tfal jiġu murija l-istampi mingħajr sekwenza partikolari.
- Diskussjoni marbuta mal-istampi.
- It-tfal jitqassmu fi gruppi żgħar skont ħiliet differenti fejn jingħataw l-istampi ż-żgħar biex ippoġuhom f'sekwenza.
- Nanalizzaw ix-xogħol differenti li jkunu għamlu t-tfal fi gruppi u wara jintwera *Power Point* marbut mal-istess storja.
- Jingħataw il-*flashcard*s bis-sentenzi u jinqraw mit-tfal sabiex iqabbluhom mal-istampi sabiex tiġi ffurmata l-istorja f'sekwenza.

**Din l-attività ġiet imħejjija mill-għalliema**

*Angie Mallia (Santa Monika, Birkirkara), Melanie Bugeja (L-Imsida), M. Saliba (Ħad-Dingli), Natalie Saliba (Ħad-Dingli), Nadia Mifsud (L-Imtarfa)*

QARI

# Sillabi

**L-Għan**

- It-tfal jgħaqqdu żewġ sillabi

**Ir-Riżorsi**

- *flashcard*s b'sillaba fuqhom
- flok *flashcard*s jistgħu jintużaw żewġ ċrieki fuq xulxin jew il-fann

**Il-Metodu**

- Ipprepara numru ta' *flashcard*s b'sillaba fuqhom.
- Aqsam il-klassi fi gruppi.
- Qassam ammont ta' *flashcard*s lil kull grupp.
- It-tfal jippruvaw jgħaqqdu l-akbar ammont ta' kliem bis-sillabi li jkollhom.
- Dan il-kliem jiġi miktub fuq karta u l-grupp li jgħaqqad l-akbar ammont ta' kliem jirbaħ.

**Din l-attività ġiet imħejjija mill-għalliema**
*Jennifer Grima (L-Imsida), Catherine Sammut (Il-Pjetà), Josephine Farrugia (Ir-Rabat), Carmel Azzopardi (Il-Baħrija u l-Imtarfa), Margaret Azzopardi (Ħad-Dingli u l-Imġarr), Alison Micallef (Ir-Rabat)*

QARI

# Annimali tar-razzett

L-G**ħanijiet**

- It-tfal jaqraw il-kliem mogħtija
- It-tfal ikunu kapaci jibnu s-sentenza bi kliem mogħtija
- It-tfal jaħdmu fi gruppi

**Ir-Riżorsi**

- *flashcards* bi kliem
- stampi ta annimali

**Il-Metodu**

- Kull student ikollu sett ta' *flashcards* li tgħaqqad sentenza.
- L-istudent jipprova jgħaqqad is-sentenza.
- L-istudent jgħaqqad is-sentenza mal-istampa.
- Kull student jaqra s-sentenza tiegħu.

**Din l-attività ġiet imħejjija mill-għalliema**

*Mavonia Thake (Il-Mosta), Eleonor Vella (Il-Mellieħa), Marie Privitera (San Ġiljan), Claire Sciortino (Il-Mellieħa), Angela Spiteri (Ħal Għargħur), Ruth Attard (San Ġwann), Joanna Spiteri Staines (Pembroke).*

**QARI**

# Nagħraf l-annimali

**L-Għan**

- It-tfal jitgħallmu jaqraw billi jqabblu l-kelma mal-istampa

**Ir-Riżorsi**:

- *flashcard*s fil-forma ta' *jigsaw* (il-kelma u l-istampa) li tkun ippreparat l-għalliema minn qabel

**Il-Metodu**

- Introduzzjoni ta' kliem ġdid "annimali" mill-għalliema mal-klassi kollha.
- Qassam it-tfal fi gruppi.
- Agħti sett ta' *flashcard*s u stampi lil kull grupp wiċċhom 'l isfel.
- Kull grupp irid jgħaqqad il-kelma (forma ta' *jigsaw*) mal-istampa, il-grupp li jlesti l-ewwel ikun r-rebbieħ.

**Din l-attività ġiet imħejjija mill-għalliema**
*Natalie Calleja (St Benild, Tas-Sliema), Marika Farrugia (St Benild, Tas-Sliema), Grace Gerada (In-Naxxar), Carmen Deguara (In-Naxxar), Carmen Cachia (Il-Mosta), Catherine Caruana (Il-Mosta), Michelle Cauchi (Il-Gżira)*

**QARI**

# **Kelma** ma’ **kelma**

L-**Għanijiet**

- L-istudenti jqabblu kelma ma’ kelma
- Iffitxuha fil-ktieb tal-qari, iqabbluha u jaqrawha

**Ir-Riżorsi**

- *flashcard*s
- ktieb tal-qari

**Il-Metodu**

- Poġġi l-*flashcard*s wiċċhom ’l isfel.
- It-tfal jaqilbuhom waħda waħda u jqabblu l-kliem.
- Iffitxuha fil-ktieb tal-qari.
- Jaqraw il-kelma.

**Din l-attività ġiet imħejjija mill-għalliema**
*Maria Dolores Teuma (San Franġisk, Birkirkara), Marcette Vassallo (Garendon), Maria Bartolo (San Andrea, l-Imselliet), Grace Pace (San Andrea, l-Imselliet)*

QARI

# Tagħqid is-sentenzi

**L-għanijiet**

- It-tfal jaqraw kliem fuq *flashcard*s
- Jużaw il-*flashcards* biex jagħmlu sentenza
- Il-*flashcard*s ikunu kliem separat li wara jifforma din is-sentenza, per eżempju: IL-KELB RIEQED FUQ IT-TAPIT, u kull kelma tkun fuq *flashcard* differenti

**Ir-Riżorsi**

- *flashcard*s

**Il-Metodu**

- It-tfal jitqassmu fi gruppi u jingħataw sett ta' kliem, maqtugħin biex jiġu forma ta' *puzzle*.
- Jaqraw il-kliem, jagħmlu sens minnhom u jiffurmaw sentenza.
- Ipinġu stampa tas-sentenza.

**Din l-attività ġiet imħejjija mill-għalliema**
*Joan Azzoppardi (Il-Gżira), Natalie Cachia (Tas-Sliema), Tanya Caruana Debono (San Anton), Marthese Borg (Il-Mellieħa)*

**QARI**

# Anagrammi b'vokabularju marbut mar-rebbiegħa

**L-Għanijiet:**

- Jinbena vokabularju dwar ir-rebbiegħa
- It-tfal ikunu kapaci jagħrfu l-kliem meta jaraw l-ittri mħawdin u jirranġawhom fl-ordni t-tajba sabiex jiffurmaw il-kelma sew, per eżempju: *mxex – xemx*

**Ir-Riżorsi**

- Kanzunetta: *Iqumu mir-Raqda* ta' Marianne Zammit
- Storja: *It-Tajra l-Imqarba*
- Stampi u *flashcard*s
- Kliem maqsumin ittra ittra

**Il-Metodu**

- Nisimgħu l-kanzunetta bħala introduzzjoni għal diskussjoni dwar ir-rebbiegħa.
- Wara d-diskussjoni, tintwera l-qoxra tal-ktieb *It-Tajra l-Imqarba* sabiex it-tfal joħorġu b'iktar vokabularju dwar ir-rebbiegħa.
- L-għalliema taqra l-istorja.
- Isiru mistoqsijiet dwar l-istorja.
- Logħba: qabbel l-istampa mal-*flashcard*.
- Logħba: irranġa l-ittri u fforma l-kelma sew.

**Din l-attività ġiet imħejjija mill-għalliema**
*Sharon Vella Scifo (San Ġwann), Martina Sciberras (Tas-Sliema), Pamela Scicluna (Tas-Sliema), Jacqueline Borg (San Ġwann u San Ġiljan)*

**QARI**

# Sekwenza

L-**Għanijiet**:

- L-istudenti jpoġġu l-*flashcard*s fis-sekwenza ta': stampa-nom-verb
- Ikunu kapaċi jużaw tajjeb il-*mouse* u jsiru iktar familjari mal-programm KID PIX

**Riżorsi:**

- *flashcard*s bil-kliem (Nomi) u (Verbi) u bl-istampi
- preżentazzjoni bil-*Powerpoint*
- KIDPIX *Onscreens*

**Metodu:**

- Preżentazzjoni bil-*Powerpoint* bl-istampi jiċċaqalqu.  Eż. kelb jiġri.
- It-tfal jingħataw *flashcard*s bl-istampi.  Eż. stampa ta' kelb jiġri.
- Jingħataw ukoll *flashcard*s bil-kliem (Nomi) u (Verbi). Eż. Il-kliem: Il-kelb jiġri.
- It-tfal jinqasmu f'erba' gruppi: Grupp minnhom ser ikun qed jaħdem fuq il-kompjuter bil-KIDPIX fejn ser ikollhom jirranġaw fis-sekwenza t-tajba ta' stampa-nom u verb.  Eż. ipoġġu l-istampa tal-kelb jiġri fejn in-nom 'il-kelb' u fejn il-verb 'jiġri'.
- It-tieni grupp ser jingħata sett *flashcard*s ta' stampa u nom.  Dawn iridu jqabblu l-istampa man-nom li jaqbel.  Eż. stampa ta' 'qattus jixrob' man-nom 'il-qattus'.
- It-tielet grupp ser jingħata sett *flashcard*s ta' stampa u verb.  Bħall-grupp ta' qabilhom, dawn iridu jqabblu l-istampa mal-verb li jaqbel. Eż. stampa ta' 'tifel jistad' mal-verb 'jistad'.
- Ir-raba' grupp ser jingħata kemm l-istampi, kemm il-verbi kif ukoll in-nomi.  Dawn iridu jqabbluhom it-tlieta flimkien.
- Jirbaħ min ikun ġab l-iktar sentenzi tajba billi jpoġġi l-*flashcard*s kollha f'posthom fis-sekwenza mitluba.

**Din l-attività ġiet imħejjija mill-għalliema**
*Antonella Ferrante (L-Imtarfa), Karen Farrugia  (Il-Baħrija)*

QARI

# Stad għal ittra, kelma u stampa

**L-Għanijiet**

- L-istudenti jqabblu l-ħoss ta' ittra ma kelma u stampa
- Jaqraw kliem li jibdew b'dawn il-ħsejjes (ċ, x, d, s, ż)

**Ir-Riżorsi**

- *flashcard*s tal-ittri, stampi u kliem
- qasab u kalamiti
- żewġ kaxxi bil-*flashcard*s u klipps

**Il-Metodu**

- L-għalliema tagħmel reviżżjoni tal-ittri li semmejna.
- L-għalliema turi kif tistad għall-ittri u ssib l-istampa abbinata mal-kelma.
- L-għalliema taqsam il-klassi fi gruppi.
- L-għalliema tqassam żewġ kaxxi lil kull grupp.
- Fil-grupp, kull student jistad u jqabbel l-ittra mal-kelma u l-istampa.
- Kull grupp ser jippreżenta l-kelma u stampa.
- Dawn jitwaħħlu fuq il-bord u kulħadd jaqra l-kliem differenti.
- Bħala konklużjoni, it-tfal jgħidu xi kliem ieħor li jibdew b'dawn il-ħsejjes.

**Din l-attività ġiet imħejjija mill-għalli**ema
*Matilde Gauci (L-Imsida), Stephania Gauci (L-Imsida), Maria Grech (Birkirkara), Rosalind Pantalleresco (Chiswick House School), Antonella Grech (Chiswick House School)*

**QARI**

# Tagħqid is-sentenzi

L-**Għanijiet**

- Jaqraw u jitgħallmu jagħmlu sens mit-test
- L-ordni u l-istruttura tas-sentenza, bl-użu tal-punteġġatura
- L-ordni ta' storja

**Ir-Riżorsi**

- storja
- *flashcard*s (*colour coded*) biex jiffurmaw sentenzi

**Il-Metodu**

- Naqraw l-istorja bħala klassi kollha.
- Sett ta' kliem fuq *flashcard*s li tgħaqqad sentenza bihom għal kull grupp (ta' erbgħa).
- Kull grupp jaqra s-sentenza tiegħu u dawn meta jkunu lesti jitwaħħlu fuq il-bord.
- Dawn is-sentenzi li ma jkunux fl-ordni t-tajjeb, jinqraw mat-tfal u, flimkien mal-għalliema, s-sentenzi jitpoġġew fl-ordni tal-istorja li tkun intużat fil-bidu.

**Din l-attività ġiet imħejjija mill-għalliema**
*Maria Farrugia  (St Benild), Doris Galea (In-Naxxar), Sandra Galea (San Franġisk, l-Imsida)*

QARI

# Sib il-kelma moħbija

**L-Għanijiet**

- Istruttivi – għarfien tal-konsonanti u tal-vokali
- Edukattivi – motivazzjoni għal iktar qari permezz ta' logħba

**Ir-Riżorsi**

- *flashcard*s u stampi (tal-kliem li ser tuża fil-lezzjoni).
- karta tat-taħriġ

**Il-Metodu**

- Tombla bi kliem twil.
- Naqraw il-kelma li titla' (eż. iljunfant).
- Insibu l-kelma moħbija ġol-kelma t-twila (iljun minn iljunfant).
- Kif inlestu l-kliem kollha nagħmlu eżerċizzju fejn nifirdu l-konsonanti mill-vokali.
- Bħala għeluq it-tfal iqabblu l-istampa mal-kliem kollha użati (billi jużaw l-istampi msemmija fir-riżorsi).
- Fl-aħħar tingħata l-karta tat-taħriġ bħala xogħol għad-dar.

**Din l-attività ġiet imħejjija mill-għalliema**
*Elisa Delia (Tal-Pjetà), Rosette Fenech Adami (Chiswick House School), Rita Bonett (L-Imsida)*

**QARI**

# Is-sajda tal-kliem

**L-Għan**

- L-istudenti jagħrfu l-ħoss inizjali li jsawwar il-kelma

**Ir-Riżorsi**

- qasba tas-sajd b'kalamita
- forom ta' ħut bi klipp
- *flashcard*s u stampi
- karta tat-taħriġ

**Il-Metodu**

- Tinqara storja fuq il-ġugarelli.
- It-tfal jgħidu l-ismijiet tal-ġugarelli li semgħu fl-istorja.
- It-tfal jgħidu l-ġugarell favorit tagħhom.
- Jaraw l-istampa tal-ġugarell u jiddentifikaw il-ħoss tal-bidu.
- Xi tfal jistgħu joħorġu u jiktbu fuq il-bord il-ħoss li jisimgħu.
- It-tfal iridu jaqbdu l-kelma li jkunu raw/semgħu bil-qasba.
- Jaqraw il-ħoss tal-bidu minn fuq il-ħuta.
- Xi tfal jistgħu jaqraw il-kelma kollha.

**Din l-attività ġiet imħejjija mill-għalliema**
*Fiona Formosa Bartolo (St Joseph, il- Blata l-Bajda), Rita Attard (Ir-Raħal Ġdid), Isabelle Gafà (Ir-Raħal Ġdid), Sor Rita (Tereża Nuzzo)*

QARI

# Ikel sustanzjuż

L-Għanijiet

- It-tfal jitgħallmu vokabularju differenti
- It-tfal jitgħallmu jagħżlu ikel li hu sustanzjuż għalihom

**Ir-Riżorsi**

- *Power Point*
- stampi ta' ikel differenti
- *flashcard*s
- ikel ta' veru (frott, ħaxix, eċċ)
- karta tat-taħriġ

**Il-Metodu**

- Jintuża l-*Power-Point* biex it-tfal jaraw l-istampi u jaqraw il-kliem li juri ikel sustanzjuż.
- Nuru l-*Power Point* lit-tfal.
- Naqraw il-kliem flimkien.
- It-tfal jinqasmu fi gruppi. Ikollhom stampi t'ikel differenti u jikklassifikawhom fi gruppi: frott u ħaxix.
- It-tfal ikunu ġabu frott/ħaxix mid-dar u bihom nagħmlu minestra u kebabs tal-frott.
- It-tfal jiktbu l-istruzzjonijiet tar-riċetti tal-ikel li għamlu fuq karta tat-taħriġ.

**Din l-attività ġiet imħejjija mill-għalliema**
*Marion Mallia Rapinett (St Benild), Valerie Seychell (St Benild), Luana Ani (St Benild), Gladys Borg (Pembroke), Donella Mercieca (Il-Mosta)*

QARI

# Nistadu għall-kliem bil-għ

**L-Għan**

- Li jaqraw kliem bil-għ fil-bidu u jqabblu stampa mal-kelma miktuba

**Ir-Riżorsi**

- *flashcard*s b'dan il-kliem: għanqbuta, għeneb, għasfur, għajnejn, għalliem, għar, għadma, għoqda, għeruq, għajnuna, għalfejn, għolja, għalqa, għoġol, għorfa, filgħaxija, filgħodu, għada

**Il-Metodu**

- Pinġi jew waħħal stampi fuq *flashcard*s.
- Fuq *flashcard* separata ikteb il-kelma pariġġ l-istampa.
- Aqsam it-tfal fi gruppi.
- Poġġi l-*flashcard*s tal-kliem fil-kaxxa u waħħal l-istampi fejn jidhru.
- It-tfal jistadu għall-kliem (b'qasba u kalamita).
- Huma jaqraw il-kelma u jpoġġuhom maġenb l-istampa.

**Din l-attività ġiet imħejjija mill-għalliema**

*Rita Mansueto (Ħal Għargħur), Joe Buttigieg (Il-Mellieħa), Rachel Galea (Il-Gżira), Annalisa Micallef (Il-Gżira)*

**QARI**

# Nagħżel rigal minn katalgu fuq l-internet

**L-Għan**

- It-tfal isirlhom test qasir u jifhmuh biex ikunu jistgħu jagħżlu rigal addattat għall-akbar ħabib/a tagħhom.

**Ir-Riżorsi**

- Katalgu ta' daqs A5 b'erba' deskrizzjonijiet dettaljati ta' ġugarelli. Din għandha tinkludi l-prezz, il-materjal, l-età li għalih hu mmirat, iżda mhux l-istampa. Taħt kull deskrizzjoni se jkun hemm kaxxa vojta fejn fiha t-tfal se jpinġu l-ġugarell kif qed jimmaġinawh.
- Fl-aħħar tal-katalgu se jkun hemm stampa ta' rigal u fuq ir-rigal jkun hemm spazju fejn jinkiteb l-isem tat-tifel/tifla u r-rigal li se jingħatalu.
- Stedina għall-festin.

**Il-Metodu**

- Tinqara l-istedina.
- It-tfal jitqassmu f'pari u jiddiskutu ħalli bis-saħħa t'hekk jagħżlu r-rigal:
  1. Għal min hu r-rigal
  2. Kemm għandu żmien
  3. Xi jħobb
- It-tfal jingħataw katalgu kull wieħed.
- It-tfal iridu jaqraw id-deskrizzjoni ta' kull ġugarell u jpinġu l-oġġett kif qed jimmaġinawh.
- It-tfal li jsibu diffikultà biex jaqraw jingħataw testi aktar ħfief.
- Wara li jkunu qraw u pinġew, it-tfal jiktbu ir-rigal magħżul fuq l-istampa tar-rigal li tinsab fl-aħħar paġna tal-katalgu u jmorru jagħtu r-rigal lill-ħabib tagħhom (taparsi sejrin il-festin).

**Din l-attività ġiet imħejjija mill-għalliema**

*Aliceanne Micallef (St Joseph, Tas-Sliema), Christine Bartolo (St Joseph, Tas-Sliema), Victoria Scicluna (In-Naxxar), Claudia Vella (Stella Maris, il-Gżira),Bernadette Mercieca (Il-Mosta).*

QARI

# Aqra f'sekwenza

L-Għanijiet

- It-tfal jipparteċipaw fil-qari u jaħdmu fi grupp
- Ipoġġu s-sentenzi f'sekwenza
- Jitgħallmu iktar vokabularju
- Li t-tfal jagħtu titlu lill-istorja

**Ir-Riżorsi**

- stampa ġenerali li turi l-istorja kollha
- *flashcard*s bis-sentenzi

**Il-Metodu**

- Uri l-istampi u agħti ċans għad-diskussjoni.
- Qassam il-*flashcard*s bil-paragrafi lill-gruppi.
- Kull membru tal-grupp jaqra s-sentenzi tiegħu u jitpoġġew fis-sekwenza li jaħsbu li hi l-iktar addattata.
- Il-kap ta' kull grupp jaqra l-istorja.

**Din l-attività ġiet imħejjija mill-għalliema**
*Sor Marica Cardona (Santa Monica, Birkirkara), Yanika Cardona (Santa Monica, Birkirkara), Marouska Lia (Sacred Heart), Maria Theresa Powell (Ir-Rabat), Sharon Richard (L-Imġarr)*

QARI

# Tombla: kliem ċavetta (Senduq Maġiku)

**L-Għan**

- Ikunu kapaċi jagħrfu, jaqraw u jlissnu kliem ċavetta mill-ktieb tal-qari *Senduq Maġiku*.

**Ir-Riżorsi**

- *flashcard*s tal-kliem ċavetta
- *grids* għat-tombla għal kull par
- *flashcard*s tal-kliem għall-għalliema

**Il-Metodu**

- L-istudenti jagħlqu għajnejhom waqt li l-għalliema jew wieħed mill-istudenti jkunu l-pustiera u jqassmu *flashcard*s bil-kliem ċavetta.
- L-għalliema tgħid il-kliem u dak l-istudent li jkollu l-kelma li ntqalet iqum iwaħħalha fuq il-bord.
- L-istudenti jinqasmu f'pari u xi ħadd minnhom joħroġ is-senduq ta' kliem tiegħu (*flashcard*s ġo kontejner) li għandu kull student.
- Titqassam *grid* lil kull grupp.
- Kull grupp jagħżel għaxar kelmiet biex jitpoġġew fuq il-*grid*.
- L-għalliema ttella' l-kliem fil-logħba tat-tombla u tgħidha lill-istudenti mingħajr ma turihielhom.
- L-istudenti jiċċekkjaw jekk għandhomx il-kelma u jdawru l-*flashcard* wiċċha 'l isfel.
- Dak il-grupp li jkollu l-kliem kollha jirbaħ il-logħba.

**Din l-attività ġiet imħejjija mill-għalliema**

*Sandra Agius (Ħ'Attard), Romina Borg (Ħad-Dingli), Josette Camilleri (Birkirkara), Marica Casaletto (San Franġisk, Birkirkara), Chiara Felice San Andrea, l-Imġarr), Michelle Scerri (Tal-Pjetà), Rita Scicluna (Ir-Rabat), Anna Vassallo (Il-Baħrija)*

**QARI**

# It-tliet qżieqeż

**L-Għan**

- It-tfal iridu jagħmlu l-istorja f'sekwenza

**Ir-Riżorsi**

- l-istorja
- maskri għar-*role play*
- stampi
- *flashcards* bi kliem
- *flashcards* għal kull grupp bis-sentenzi

**Il-Metodu**

- Introduzzjoni u taħdita dwar it-titlu tal-istorja.
- Qari tal-istorja, filwaqt li l-għalliema tuża stampi u l-*flashcards* bil-kliem waqt li qed tirrakkonta.
- *Role play* bil-maskri.
- L-għalliema taqsam lit-tfal fi gruppi, tagħtihom borża b'sett ta' *flashcards* b'sentenzi dwar l-istorja fil-qosor.
- Kull grupp irid jaqra dawn is-sentenzi fuq il-*flashcards* u jpoggihom f'sekwenza.
- Kull grupp jaqra s-sentenzi tiegħu lill-kumplament tal-klassi.

**Din l-attività ġiet imħejjija mill-għalliema**
*Carmen Spiteri (L-Imġarr), Sharon Giordamania (Ir-Rabat)*

QARI

# Naqraw il-verbi

**L-Għan**

- It-tfal ikunu kapaci jaqraw verbi semplici.

**Ir-Riżorsi**

- *flashcards*

**Il-Metodu**

- *Flashcards* wiċċhom 'l isfel.
- Tifel/la jagħżel *flashcard* u jżommha għalih.
- Jimmima l-verb/azzjoni.
- It-tfal l-oħra jippruvaw jaqtgħu x'kien il-verb.
- Fl-aħħar tintwera u tinqara il-*flashcard*.

**Din l-attività ġiet imħejjija mill-għalliema**
*Ralph Camilleri (Il-Mellieħa), Anne Marie Ellul (San Ġwann), Agnes Camilleri (Il-Mosta), Yvonne Abela (Il-Mosta), Antoinette Catania (In-Naxxar), M.A. Debattista (San Giljan)*

QARI

# Naqraw il-verbi

**L-Għanijiet**

- It-tfal jiżviluppaw il-ħila tal-qari b'mod pjaċevoli
- Jitgħallmu wkoll jikkollaboraw aħjar fi grupp

**Ir-Riżorsi**

- *board game* kkreata mill-għalliema b'mod li jattira lit-tfal (forsi b'xi karattri ta' Disney)
- *flashcards* marbuta ma' topik partikolari

**Il-Metodu**

- Il-klassi tinqasam fi gruppi żgħar fejn kull grupp jieħu attività differenti u wara ftit it-tfal ibiddlu l-attività.
- Attività minnhom tkun forma ta' logħba: Wieħed mill-gruppi jieħu l-*board game* li tkun forma ta' *Monopoly* sempliċi. Meta t-tfal jaqgħu fuq ċertu numru permezz tad-damma, it-tfal jieħdu *flashcard* u jridu jaqrawha biex ikunu jistgħu jkomplu u jaslu sat-tmiem tal-logħba. Il-*flashcards* ivarjaw skond l-abbiltà tal-grupp. Jekk it-tfal ikunu ta' abbiltajiet ogħla jistgħu isiru *flashcards* fejn it-tfal mhux jaqraw biss biex ikomplu l-logħba, imma jridu wkoll jħaddmu moħħhom (eżempju jingħataw ħjiel u wara li jaqraw is-sentenza, iridu jaqtgħu l-oġġett).

**Din l-attività ġiet imħejjija mill-għalliema**
*Charmaine Micallef (Birkirkara), Lydia Grech (Garendon), Caroline Mallia (Santa Venera)*

QARI

# Apprezzament tal-kitba minn storja moqrija

L-**Għanijiet**

- It-tfal japprezzaw il-kitba minn storja moqrija
- Isegwu l-istorja u l-pjan
- Jieħdu tagfrif fuq Malta
- Għarfien ta' kliem ġdid u kif tizvolġi l-istorja

**Ir-Riżorsi**

- il-ktieb *Il-Pulena tad-Deheb*, Trevor Żahra
- karti A4
- kuluri
- lapsijiet

**Il-Metodu**

- L-għalliema taqra żewg paġni mill-ktieb.
- Issaqsi min huma l-karattri tal-istorja u fejn kienu, il-post fejn jinsabu l-karattri u għalfejn.
- Tpinġi u turi dettall tas-silta moqrija.
- Issaqsi lit-tfal kif jaħsbu li se tizvolġi l-istorja.

**Din l-attività ġiet imħejjija mill-għalliema**

*Maryrit Zammit (L-Imsida), Marianne Mifsud (St Dorothy, Tas-Sliema), Erika Valletta (Birkirkara), Theres Grima (Thi Laken, Ħ'Attard), Doreen Bartolo (Thi Laken, Ħ'Attard)*

**QARI**

# Poġġi l-istorja f'sekwenza

**L-Għan**

- It-tfal jitgħallmu jpoġġu sentenzi minn storja wara xulxin

**Ir-Riżorsi**

- ktieb kbir bi stampi dwar l-istorja tal-fenek u l-fekruna
- stampi żgħar tal-istorja
- *flashcards* ta' sentenzi dwar l-istorja

**Il-Metodu**

- Aqsam il-klassi fi gruppi.
- Uża ktieb biex taqra l-istorja u qajjem diskussjoni mat-tfal dwar l-istampi li qed jaraw.
- Qassam sett ta' stampi lil grupp ta' tfal, filwaqt li l-gruppi l-oħra jagħmlu attivitajiet oħra.
- It-tfal jirranġaw l-istampi f'sekwenza.
- Ifrex *flashcards* ta' sentenzi dwar l-istorja fuq il-mejda.
- It-tfal jaqraw u jpoġġu s-sentenzi f'ordni maġenb l-istampa marbuta magħha.

**Din l-attività ġiet imħejjija mill-għalliema**

*Sharon Calleja (L-Imsida), Simone Calaio (SantaVenera), Clare Azzopardi (Santa Venera), Suzanne Loporto (Chiswick House School), Rachel Bugeja (San Franġisk, Birkirkara), Mariosa Bonavia (Garendon)*

QARI

# Sekwenza

**L-Għan**

- It-tfal jaslu biex jiffurmaw storja

**Ir-Riżorsi**

- sitt stampi u sitt sentenzi relatati mal-istampi miktubin fuq strixxi ta' kartoncin

**Il-Metodu**

- Waħħal is-sitt stampi mgerfxin mal-bord.
- Wara diskussjoni fuq kull stampa, it-tfal jaslu biex jagħmlu l-istampi f'sekwenza.
- L-għalliema tqassam l-istrixxi tal-kartonċin (waħda f'kull grupp) u l-istudenti jaqrawha lil kulħadd.
- Bl-għajnuna, l-istudenti jirranġawhom wara xulxin u jabbinawhom mal-istampi.
- Fl-aħħar tinqara l-istorja kollha (u tista' tinkiteb ukoll).

**Din l-attività ġiet imħejjija mill-għalliema**
*C. Borg (L-Imsida), K. Caruana Salafia (San Franġisk, Birkirkara)*